**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha 20 ta' Gunju 2001**

**Numru 11**
**Citaz. Nru. 82/94 FD**

**Denise Zerafa mart Albert f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha l-minuri Marie Adrienne.**
**vs**
**Albert Zerafa**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti konjugi Zerafa m'ghandhiex aktar possibbli u dan minhabba sevizzji, minacci, eccessi u ingurji gravi da parti tal-konvenut;

Premess illi l-attrici giet debitament awtorizzata tipprovdi b'din l-istanza b'digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Novembru, 1993 - Digriet Numru 1289/93;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti *a mensa et thoro* u dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

2. Takkorda u tafda l-kura u kustodja tal-minuri Marie Adrienne lill-attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas menteniment lill-attrici, ghaliha u ghall-istess minuri, dik ir-retta li tigi ffissata minn din il-Qorti, bil-modalitajiet ghall-hlas li joghgobha tiddertermina;

4. Tillikwida u tiddividi l-komunjoni ta' l-akkwisti gia` ezistenti bejniethom okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

5. Tiddikjara lill-konvenut dekadut mid-drittijiet tieghu kif kontemplati fl-Artikoli 48, 50, 51 u 52 tal-Kapitolu 16;

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccipixxa:-

1. Illi l-hajja matrimonjali bejnu u bejn martu l-attrici kienet giet reza impossibbli mhux ghal wahda mir-ragunijiet li l-istess martu imputat fic-citazzjoni taghha, izda billi fost ragunijiet ohra, hija qarqet bih dwar il-kwalitajiet li kellha li mix-xorta taghhom ifixklu serjament il-hajja mizzewga. Infatti, huwa talab lil din l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara li z-zwieg tieghu ma' l-attrici huwa null skond il-ligi (Citaz numru 1277/93 FD) ghar-ragunijiet minnu dedotti fic-citazzjoni relattiva;

2. Illi, refibilment ghal tielet talba attrici, l-eccipjent ma ghandux jigi ordnat ihallas manteniment lil martu ghaliha salv il-manteniment pagabbli ghal minuri it-tifla taghhom;

3. Illi ma kienx hemm lok skond il-ligi li tigi akkolta l-hames talba attrici fil-konfront ta' l-eccipjent;

Ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-Digriet taghha tal-15 ta' Novembru 1994 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dr. Marco Griscti bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali li tinsab a fol 229 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tas-7 ta' Ottubru 1998;

Rat ukoll id-digriet taghha tal-15 ta' Marzu 2000 li permezz tieghu giet nominata Carmen Zammit bhala perit biex tisma' lill-partijiet u lill-persuni li jidhrilha mehtiega u taghmel rapport dwar l-access li ghandu jkollhom il-partijiet ghall-minuri;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit nominata li tinsab a fol 421 *et sequitur* tal-process li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza tat-12 ta' Lulju 2000;

Rat in-noti pprezentati mill-kontendenti in segwitu ghar-rapporti peritali;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi din hija wahda minn zewg kawzi li l-konjugi Zerafa pprezentaw kontra xulxin fejn talbu pratikament l-istess haga, cioe` id-dikjarazzjoni tas-separazzjoni legali bejn il-kontendenti minhabba htijiet tal-parti l-ohra, ghamlu wkoll talbiet dwar il-kura u l-kustodja u l-access ta' binthom minuri Marie Adrienne u wkoll it-terminazzjoni, likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi l-partijiet u d-difensuri qablu illi l-provi kollha li jingabru f'kawza wahda ikunu wkoll applikabbli u jaghmlu stat ghall-kawza l-ohra u kien f'din il-kawza 82/94 illi ingabru il-provi u gie pprezentat ir-rapport peritali;

Illi dawn huma kawzi fejn ic-cirkostanzi huma piuttost partikolari fis-sens li l-kontendenti ghixu flimkien biss ftit xhur u damu b'kollox joqghodu flimkien (anke f'dan il-perjodu b'bosta interruzzjonijiet) ghal madwar seba' xhur biss; l-attrici bdiet il-proceduri quddiem is-Sekond' Awla meta kienet ghada tqila bit-tarbija taghhom biss ftit xhur wara iz-zwieg, izda peress illi kien ghadda certu zmien u kienet waslet biex twelled, allura kellha tipprezenta rikors iehor ghall-awtorizzazzjoni mehtiega peress li l-ewwel wiehed kien skada;

Illi l-attrici fl-affidavit minnha pprezentat tispjega li l-inkwiet inqala mill-ewwel u anqas

setghu jaqblu fuq il-post li joqghodu fih wara iz-zwieg ghal ftit tax-xhur, sakemm titlesta d-dar illi kienu qeghdin jibnu f'H'Attard; hija ssemmi illi l-ewwel marru joqghodu f'xi post mikri f'Haz-Zebbug u imbaghad f'iehor f'San Pawl il-Bahar u hija qatt ma kienet kuntenta ghalkemm dan ta' l-ahhar jidher li kien proprjeta` tal-familjari taghha; hija tilmenta illi l-konvenut ma kienx irid imur jara l-postijiet li kienet qeghda tipprova issib hi bhala dar temporanja u tilmenta illi zewgha gie siegha u nofs tard ghall-appuntament illi kellhom biex imorru jaraw fond fi Guardamangia li kien sabu missierha, pero` irrizulta b'dana kollu illi ghalkemm ma sarx qbil fuqu, missierha xorta ha il-post b'kera;

Illi l-kontendenti meta kienu gharajjes kienu qed ifittxu plot biex ikunu jistghu jibnu id-dar matrimonjhali taghhom, missierha offrilha illi jtiha parti minn bicca art kbira illi huwa kien ha minghand il-Kurja halli tkun tista' tibni id-dar taghha hemmhekk; dan ifisser illi d-dar kienet parafernali ta' l-attrici u hija dejjem tikkontendi f'kull stqarrija li ghamlet illi zewgha dan ma kienx jaqbel mieghu u kien jinsisti illi d-dar tigi trasferita nofs f'ismu wkoll biex kull ma jsir ikun sar minnhom it-tnejn;

Illi jidher li z-zewg kontendenti fethu kont kongunt bejniethom biex fih jitpoggew is-salarju taghhom it-tnejn u jidher li bosta mill-pagamenti li kienu qed isiru anke biex tigi kompletata d-dar gewwa H'Attard, kienu qed isiru permezz ta'

dan il-kont; il-Qorti ma tarax f'dan l-atteggjament xi avversita` partikolari tal-konvenut ghal bini tad-dar matrimonjali illi kif gja inghad kienet parafernali ta' martu. Dan il-kont ma damx wisq jopera b'dan il-mod, peress illi meta l-attrici indunat illi dan kien qieghed fi zbilanc hija ghalqitu; il-konvenut jikkontendi illi dana kien gara peress illi huwa kien qieghed ihallas dejjem b'*cheques* ammonti li kienu dovuti fuq id-dar;

Illi minn naha tieghu l-konvenut jaghti stampa ta' zwieg li tkisser principalment minhabba l-indhil zejjed mill-genituri ta' l-attrici u ghal mod kif hija kienet dejjem sottomessa ghall-volonta` taghhom; il-konvenut jaghti stampa ta' missier l-attrici bhala bniedem li jridha tghaddi dejjem dak li jrid hu u kien jiddomina lill-attrici u lill-familja kollha; skond il-konvenut l-attrici ghalqet il-*joint account* li kellhom proprju ghaliex din kienet l-idea ta' missierha, ghalkemm minn dan il-*joint account* kienet thallas is-self li kellha fuq id-dar kif ukoll isiru l-pagamenti ghall-ispejjez tad-dar li kienet qeghda biex titlesta;

Il-konvenut jikkontendi illi l-attrici dahqet bih mhux biss ghaliex bidlet ghal kollox l-attegjament taghha mill-mument taz-zwieg imma anki ghaliex kuntrarju ghal dak li kienet qaltlu hija ma kienetx ghada vergni meta izzewget u kienet ukoll b'imnehirha mtella' (*snobbish*) u maghha huwa kien soggett ghal "swat psikologiku";

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal bosta rikorsi twal u impenjattivi pprezentati mill-kontendenti l-aktar dwar l-access ghal binthom minuri. Dina t-tifla twieldet lill-attrici meta huma kienu diga` miggildin ghal kollox tant illi lanqas hadet passi biex tinforma lill-konvenut li kienet waslet biex twelled jew almenu li kienet diga` weldet, u hija ppretendiet illi l-konvenut messu kien jaf meta kellha titwieled it-tarbija peress illi meta kellha sitt gimghat tqala huwa kien akkompanjaha ghand it-tabib u dan kien indika d-data tat-twelid; l-attrici ippretendiet li la l-Isptar Karen Grech huwa pubbliku, messu interessa ruhu u mar jaraha hemmhekk il-konvenut; ma jidhirx li l-konvenut qatt mar maghha izjed ghand it-tobba tul it-tqala taghha u hu jikkontendi li hi kienet tghidlu li trid tmur ma' ommha u missierha; l-attrici ma cahditx li l-konvenut ried jibghata taghmel l-ezamijiet mehtiega fl-Isptar Saint James peress li sa dak il-mument kienet ghadha qed tmur ghand *general practitioner* pero` it-twegiba taghha kienet "ma ghogobnix";

Illi bhala fatt, il-konvenut pratikament qatt ma ra lil bintu wahdu u wara allegazzjonijiet serji ta' vjolenza da parti tal-konvenut il-Qorti rriteniet illi jkun opportun illi jara lil bintu gewwa l-Ghassa tal-Pulizija biex b'hekk certament ma jinqalax izjed inkwiet;

L-allegazzjoni tal-vjolenza kompliet b'insistenza kbira proprju sa' l-ahhar noti pprezentati anke peress illi l-ewwel Qorti kienet ikkundannat

lill-konvenut ghal tlett xhur habs wara incident li kien inqala fid-dar tal-genituri tal-konvenut.

Illi dan l-incident gara tul it-tqala ta' l-attrici meta kienet ghaddejja minn tqala difficli tant illi t-tabib taghha kien qallha biex toqghod diversi gimghat ghand il-familjari taghha biex tistrih; meta irritornat ghax-xoghol fuq parir tat-tabib, darba minnhom kien sejjer jigborha mill-ufficcju taghha il-bank missierha, pero` il-konvenut cemplilha u qallha li kien ser jghaddi ghaliha hu; meta mar ghaliha minflok ghand il-genituri taghha hadha fid-dar tal-genituri tieghu u dan nonostante l-opposizzjoni taghha; meta sar jaf b'dan missierha telaq jigri fid-dar tal-genituri tal-konvenut u hada bi kbira hafna li t-tifla kienet qeghda hemmhekk u meta dahal sabha li kienet qeghda fuq is-sodda, peress illi kellha bzonn tistrih u qaltlu "*I am resting*"; ir-reazjoni tieghu ghal din l-istqarrija kienet "*Let's go*"; naturalment fid-dawl ta' dan l-attegjament tieghu, il-konvenut beda jirrabja u inqalet glieda li fiha dahal ukoll hu il-konvenut u kien hemm aggressjoni shiha naturalment da parti tal-konvenut u huh peress li huma hafna izghar minn missier l-attrici; spicca biex ghaddiet tal-missier u l-attrici marret mieghu fid-dar tal-genituri.

Dina l-glieda ssemmiet bosta drabi fil-proceduri u kienet x'aktarx determinanti fil-mod kif l-access ristrett gie mghoti lill-konvenut anki peress illi meta resqu il-Qorti, l-Ewwel Istanza kkundannat lill-konvenut ghal tlett xhur habs;

sar Appell u fis-sentenza mghotija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-13 ta' Lulju 1998 jidher illi ma kienx hemm dik il-gravita` kollha fl-aggressjoni tal-konvenut u huh; certament mhux kompitu ta' din il-Qorti illi tiddiskuti konsiderazzjonijiet simili pero` il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghall-affidavit ta' l-istess missier ta' l-attrici fejn dwar l-affidavit tal-konvenut xehed "*hi kollha gideb u tehwdin makakk ta' mentalita` meskina ta' bniedem bla karattru, irresponsabbli, possessiv, rghajb, vendikattiv u vjolenti. Jiena ma cedejtx ghall-insistenza u pressjoni minn Albert Zerafa biex nittrasferilu l-proprjeta` tieghi f'H'Attard u li ngieghel lit-tifla tieghi Denise iddawwar ghal fuqu kif ried hu l-proprjeta immobiljari taghha fl-istess post*"; deskrizzjoni illi tidher tassew aggressiva;

Illi l-Qorti tinnota mill-istess xhieda ta' missier l-attrici kif il-konvenut mhux talli ma kienx kontra il-bini tal-plot li missierha kien ta lill-attrici, izda ma riedx illi x-xoghol isir taht id-direzzjoni ta' persuna li kien diga` inkariga missier l-attrici izda "*insista li jiehu hsieb il-bini tal-plot peress li kien ser joqghod fiha hu*", l-atteggjament ta' l-istess missier l-attrici jkompli jidher meta stqarr "*il-mibeghda tal-genn li tispikka mill-affidavit ta' Albert Zerafa ta' l-20 ta' April in retrospect, ma hijiex daqshekk ta' l-iskantament. Ta' l-iskantament hu l-fatt illi jiena qatt ma kelli hjiel ta' din il-mibgheda insensata qabel t-30*

*ta' Gunju 1992 meta Albert Zerafa ma' huh u missieru iddecidew li joqtluni*";

Illi ghalhekk il-Qorti fliet bir-reqqa l-akkuza ta' l-attrici illi zewgha kien vjolenti maghha u ma tistax ma tosservax illi ghalkemm wara dak li missierha semma bhala qisu xi attentat ta' qtil hija intavolat ic-citazzjoni odjerna u pprezentat l-affidavit taghha u ma ghamlet bl-ebda mod referenza ghal din il-vjolenza kollha. Il-Qorti qed taghmel dawn l-osservazzjonijiet peress illi il-vjolenza kien l-element ewlieni li wassal lill-Qorti ghad-decizjoni taghha dwar il-modalita` ta' l-access. Il-Qorti innotat illi l-agir tal-konvenut f'dak l-episodju kien tassew repunjanti u infatti anki l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ikkundannatu minghajr tlaqliq u anqas jidher illi tali aggressjoni setghet kienet gustifikata mill-ateggjament forsi ftit dominanti izzejjed ta' anzjan wahdu proprju fid-dar taghhom stess. B'dana kollu ezami dettaljat tal-provi kollha u l-allegazzjoni maghmula mill-attrici ma jindikawx xi aggressjoni ohra oltre dan il-kaz;

Illi l-Qorti tinnota wkoll illi l-attrici ghal xi raguni jew ohra, x'uhud minnhom gustifikati u ohrajn inqas gustifikati, dejjem zammet it-tifla 'l boghod minn missierha, u dan nonostante illi kien hemm tlett Imhallfin differenti fis-Sekond' Awla illi dejjem insistew li ghandu jkun hemm l-access ghall-minuri;

Illi l-atteggjament ta’ l-attrici rrizulta li kien ghal kollox negattiv fil-konfronti tal-

konvenut; dan l-atteggjament x'aktarx li kien gej mill-mentalita` differenti bejn il-kontendenti stante li l-konvenut kien jemmen illi una volta il-koppja jizzewgu huma kellhom jaqtghu il-kuntatti minn mal-genituri u jghixu ghal rashom; dan l-atteggjament ma jidhirx fih innifsu ghal kollox zbaljat pero` li hemm hazin huwa il-fatt li l-konvenut ma tax anqas cans illi l-affarijiet jirrangaw; irrizulta illi l-kontendenti ma ghandhomx dawk in-nuqqasijiet li solitu nsibu f'kawzi ta' separazzjoni; in-nuqqasijiet taghhom kienu x'aktarx karatterjali u l-glied gie mrewwah bla waqfien mill-familjari rispettivi taghhom;

Wara dak li l-Qorti osservat dwar l-agir ta' missier l-attrici, il-Qorti tifhem illi fil-famuz incident meta missier l-attrici gie aggredit, certament ma kienx hemm il-htiega li jindahal ukoll hu l-konvenut fil-glieda, zgur li ma kellux skuza illi kien qed jibza illi jara lil huh, il-konvenut, imwegga, u ghalhekk mar biex jiddifendih.

Illi l-Qorti ma tistax ma tinnotax lanqas in-nuqqas tal-konvenut li ghalkemm hu stess jammetti illi kienu ftehmu illi jwaddbu f'*joint account* is-salarju taghhom, huwa jidher illi kien ikun tardiv fid-depozitu ta' sehmu u inoltre ma jidhirx li baqa' jzomm il-ftehim li kien assuma;

Illi jrid jigi nnotat illi tul din il-kawza li hadet dawn is-snin kollha, il-kontendenti ftit ressqu provi u hlief ghal missier l-attrici, il-Gudikant irid joqghod fuq il-verzjonijiet li taw

il-partijiet; dawn il-verzjonijiet huma ghal kollox konflingenti u huma r-rizultat ta' l-antagonizmu estrem li zviluppa bejniethom, b'dana kollu il-Qorti temmen illi kieku il-kontendenti, minflok familjari illi jappoggjawhom bla riserva, sabu minn jipprova jikkalmahom u jurihom illi t-tkissir taz-zwieg kien ser igib tragedja fil-hajja tat-tnejn li kienu, il-kontendenti kien ikollhom opportunita` ahjar illi jezaminaw il-problemi taghhom fil-kwiet u forsi anke isibu *modus vivendi* accettabbli;

Illi jekk tezamina r-rakkont taghhom dwar dak li gara fl-inkontru illi huma kellhom ghand Galea Sluta wara is-suggeriment li kien ghamlilhom l-Imhallef Caruana Colombo, wiehed jifhem illi hlief tbissim bejniethom ma kienx hemm - donnu hadd ma jitkellem u jitbissem;

Illi kien ikun ahjar kieku il-kontendenti ressqu aktar provi konkreti minflok inhlew f'piki ezasperanti; forsi kieku il-kontendenti kienu aktar kalmi fil-hajja taghhom ma kienux jaslu biex jidhlu fid-dar taghhom ta' H'Attard u jghixu fil-*basement* minghajr lanqas facilitajiet sanitarji elimentari, u dan sempliciment biex jaqtghu l-piki ta' xulxin;

Illi wara li fliet bir-reqqa kollha r-rizultanzi processwali, il-Qorti waslet ghal konvinciment illi dan iz-zwieg sfaxxa minghajr anqas biss inghata l-opportunita` li jibda; fi kliem l-abbli relatur "*il-kontendenti damu mizzewgin seba' xhur biss, u li fihom il-karetteristika principali hi*

*l-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' ftehim reciproku. Filwaqt li Albert Zerafa jallega li martu kienet iddominata minn missierha, u familtha, u poggiet lilhom l-ewwel qablu, martu tghid illi hu qatt ma habbha izda kien mohhu biss fi flusha u l-proprjeta` taghha";* il-konkluzjoni ta' dan kienet illi ebda wiehed mill-kontendenti ma ressaq provi li jistghu jwasslu ghal konkluzjoni li l-parti l-ohra kienet hatja tat-tkissir taz-zwieg u kif qal l-istess rapport "*l-impressjoni li jaghtu il-kontendenti hi li ma kienux jafu lil xulxin qabel iz-zwieg. Ma kellhomx hjiel tal-karattru ta' xulxin. Huma jallegaw li is-sieheb taghhom inbidel mil-lejl ghan-nhar maz-zwieg, pero` l-esponenti ma jemminx li dan kien il-kaz. Hu pjuttost verosimili illi li gara kien li l-kontendenti ma gharfux ir-responsabilitajiet tal-hajja mizzewga u ma kkommettewx hajjithom ghal hajja mizzewga. It-tnejn baqghu jghixu individwalment f'hajja mizzewga, influwenzati fi gradi differenti mill-familjari taghhom.*"

Illi ma hemmx dubju li fiz-zwieg il-kontendenti urew egoizmu kbir ma' xulxin u ma gharfux jaqsmu hajjithom; u ghalhekk il-Qorti tifhem li r-responsabbilita` tat-tkissir taz-zwieg ghandha taqa fuq spallejn iz-zewg kontendenti;

Illi dwar il-kwistjoni tal-manteniment, il-Qorti taqbel li l-konvenut ma ghandux jigi kkundannat ihallas ebda manteniment lill-attrici ghaliha personalment wara konsiderazzjoni tal-paga li hija dejjem ippercepiet u anke il-prospetti ta'

avvanz in vista tal-kors li hija kienet issegwi fil-mori u li ghalih saret referenza fl-atti tal-kawza; ghalhekk hija taqla aktar minn dak sufficjenti biex tkun tista' tmanti lilha innifisha u tikkontribwixxi ghat-tkabbir u edukazzjoni ta' binthom komuni;

Illi in kwantu t-talba attrici tirreferi ghall-manteniment dovut ghall-istess binthom, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ispejjez illi qed jigu inkorsi fl-edukazzjoni u t-trobbija ta' l-istess minuri; l-attrici fin-nota u fis-sottomissjonijiet taghha fir-rigward tikkalkolha li l-ammont mehtieg ghat-trobbija tal-minuri ghandu jigi kalkolat fis-somma ta' Lm250 fix-xahar; dan iwassal ghas-somma ta' Lm3000 fis-sena, liema ammont jidher manifestament esagerat. Illi wara li ezaminat l-ammonti kollha indikati u c-cirkostanzi relattivi ghat-trobbija ta' tifla b'genituri separati kif ukoll il-fatt li anki l-attrici ghandha thallas parti mill-ispejjez tat-trobbija tal-minuri, tistabbilixxi l-ammont li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici kull xahar ghat-trobbija ta' binthom komuni fis-somma ta' Lm120, liema ammont ghandu jigi varjat kull sentejn skond il-varjazzjoni ta' l-indici ta' l-gholi tal-hajja;

Illi ma hemmx ghalfejn jigi sottolineat illi l-punt krucjali ta' dina l-kawza huwa l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri u l-access ghaliha; il-Qorti tifhem illi dana ghandu jibqa' fdat f'idejn l-attrici pero` l-missier ghandu jinghata kull opportunita` biex jerga' jibni relazzjoni

adegwata ma' bintu illi huwa imkien ma wera illi naqasha f'xi haga;

Illi wiehed mill-ewwel problemi illi l-Qorti ltaqghet mieghu fit-trattazzjoni tal-bosta rikorsi dwar l-access, kien il-post fejn isir l-access ghat-tifla u l-Qorti taghmel referenza ghar-rizultanzi processwali dwar dan il-punt illi gie ttrattat bl-akbar reqqa u fit-tul miz-zewg partijiet; sa minn snin ilu l-Qorti kienet tixtieq kieku l-access minflok isir fl-Ghassa tal-Pulizija kif kien isir ghall-ewwel snin, seta' isir ghand is-Sorijiet tas-Sagramentini gewwa l-Belt, pero` fid-dawl tad-diffikultajiet illi dejjem irnexxilhom jaqalghu iz-zewg kontendenti dwar dan il-punt dan repetutament kien gie stabbilit li kellu jibqa' jsir fl-Ghassa tal-Pulizija; kien hafna wara li intlahaq ftehim li l-access isir ghand is-Sorijiet imsemmija. Il-Qorti kkonsidrat l-izvantaggi kbar u l-ftit vantaggi jekk access isir f'Ghassa tal-Pulizija u anki kkonsidrat il-possibilita` li jinstab ufficju governattiv, imma anke hawn problemi jistghu jinqalghu; ghalhekk jidher opportun li l-access ghandu jkun ghand is-Sortijiet tas-Sagramentini jew skond ftehim bejn il-kontendenti;

Illi biex tghin il-process biex terga' tinbena relazzjoni adegwata bejn it-tifla u missierha, il-Qorti sejra zzid il-hinijiet ta' l-access b'mod illi l-konvenut ikun jista' jiehu lil bintu u johrog maghha wahdu u f'okkazzjoni minnhom ikollu wkoll il-possibilita` illi jkun jista'

jehodha ghand il-ġenituri tieghu li rrizulta li ghadhom qatt ma ltaqghu ma' din in-neputija taghhom;

Illi huwa ovvju illi l-Qorti hasbet fit-tul dwar dan il-punt u kkonsidrat il-bosta udjenzi fejn semghet kemm lill-partijiet kif ukoll lill-abbli difensuri taghhom u kellha kull possibilita` li tivvaluta l-karattru tal-kontendenti u r-reazzjonijiet taghhom ghal proposti li saru minn zmien ghal zmien kemm mill-istess kontendenti u sahansitra mressqa *a sua sponte* mill-istess Qorti. Ikkonsidrat ukoll (kif gja inghad) l-episodju ikrah kommess mill-konvenut u huh fil-konfronti ta' missier l-attrici u li kkaguna r-restrizzjoni estrema ordnata fl-access ta' l-istess missier ghal binthom; dan l-izball pero` ma giex konfermat fis-snin li segwew nonostante l-antagonizmu estrem muri miz-zewg kontendenti reciprokament;

Illi l-Qorti tifhem li huwa mixtieq li jkun hemm "*overnight stays*" imsemmija mill-espert Carmen Zammit u li dwarhom giet anke eskussa quddiem il-Qorti; jidher opportun li almenu ghalissa, ma ghandux jkun hemm dan l-access ghalkemm, kif intqal, il-modalita` ta' l-access ghandha tigi mibdula u estiza;

Illi dwar il-kwistjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, il-Qorti nonostante il-fatt li halliet lill-konvenut iressaq il-provi li xtaq iressaq dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti, ma tarax li ghandha tbiddel wisq mill-konkluzzjonijiet

peritali l-aktar meta wiehed jikkonsidra illi z-zmien li fih setghu kkontribwew ghall-komunjoni kien biss ta' ftit xhur u anke f'dan il-perjodu qasir ma jirrizultax li l-konvenut kien ghamel tant pagamenti; ghalhekk l-ammont jidher li kien ikopri aktar il-htigijiet normali milli biex jithallsu l-ispejjez tad-dar parafernali ta' l-attrici; illi b'dana kollu l-Qorti wara li kkonsidrat li bosta mill-pretensjonijiet huma soggetti ta' kawzi kontra terzi, kkonstatat it-talba dwar ir-rigali ta' l-engagement u dak tat-tieg li l-konvenut fid-dokument minnu esebit ivvaluta fis-somma ta' Lm2383.46; fir-risposta taghha ghal din il-pretensjoni l-attrici ghazlet li ma twigibx direttament u ssottomettiet biss li kienu manifestament infondati. Jidher ghalhekk li kien hemm rigali ta' dawn iz-zewg okkazzjonijiet u li dawn ghadhom fil-pussess ta' l-attrici; jigi rilevat li ghaddew bosta snin minn dawk il-festini u ghalhekk bosta mill-oggetti tilfu l-valur taghhom jew inkella naqsilhom hafna. *Arbitrio boni viri* tillikwida n-nofs tal-valur ta' dak li fadal minn dawn ir-rigali u tikkalkulah fis-somma ta' Lm350 li l-attrici ser tigi kkundannata thallas lill-konvenut per saldu ta' sehmu;

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi bin-numru 516/94 u peress li l-konkluzjonijiet tal-kawza odjerna ghandhom japplikaw u jaghmlu stat ukoll ghal kawza l-ohra li qeghda tigi wkoll deciza llum.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Zerafa u dan minhabba nuqqasijiet attribwibbli liz-zewg kontendenti;

Tilqa' it-Tieni Domanda u takkorda u tafda l-kura u kustodja tal-minuri Marie Adrienne f'idejn l-attrici b'dan li l-konvenut ghandu jkollu access ghal minuri darbtejn fil-gimgha; kull nhar ta' Erbgha imur wahdu jigbor lill-minuri mill-iskola meta tispicca u jirritornaha ghand l-attrici fis-sebgha ta' filghaxija (7:00 p.m.); ghaz-zmien tal-vaganzi ghandu jehodha fit-tlieta u nofs (3:30 p.m.) u jirritornaha fit-tmienja ta' filghaxija (8:00 p.m.); ikollu wkoll access ghall-minuri kull nhar ta' Sibt jew Hadd alternattivament mid-disgha ta' filghodu (9:00 a.m.) sat-tmienja ta' filghaxija (8:00 p.m.) fiz-zmien tal-vaganzi jew sas-sebgha ta' filghaxija (7:00 p.m.) fi zmien ta' l-iskola – it-tifla ghandha tittiehed u terga' tigi ritornata mid-dar ta' l-attrici jew minn xi post iehor li l-partijiet jiftehmu dwaru permezz tal-legali taghhom, u f'kaz li dan il-ftehim ma jintlahaqx il-post ghandu jkun il-Kunvent tas-Sorijiet tas-Sagramentini;

Tiddeciedi t-Tielet Domanda billi, filwaqt li tichadha in kwantu tirreferi ghat-talba ghal manteniment ghall-attrici personalment, tilqaghha

in kwantu diretta ghall-imsemmija minuri u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) kull xahar bhala kontribuzzjoni tieghu ghall-ispejjez mehtiega fit-trobbija ta' l-imsemmija tifla komuni; liema ammont ghandu jigi varjat kull sentejn (2) skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja;

Tiddeciedi r-Raba' Domanda billi ttemm l-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti u anki in vista ta' dak li intqal dwar ir-regali u z-zmien limitat li ghamlu flimkien il-kontendenti, tiddividiha billi tassenja lil kull parti il-beni u l-flus kollha li prezentement jinsabu f'idejhom b'dan li l-attrici ghandha in ekwiparazzjoni ta' din id-divizjoni thallas lill-konvenut is-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) per saldu ta' sehmu;

Tiddeciedi l-Hames Domanda billi wara li tiddikjara li l-kontendenti tilfu id-drittijiet reciproci successorji taghhom, tilqa' t-talba kif dedotta b'dan li s-sanzjonijiet ghandhom ikunu applikabbli ghaz-zewg partijiet.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur